

# Nghidu Kelma ma' Di u Do



# Kanzunetti

| Werrej: | Ħoloq: |
|---|---|
| 1. Nagħmlu Ċirku (Episodji 1-10) | https://youtu.be/75LJwCz6YEs?si=gqFyryGxLRufxDlC |
| 2. Poġġu Bilqiegħda (Episodju 1) | https://youtu.be/TfWJsAVhS7E?si=Lw4SIw6zR6EisdTC |
| 3. Pingwin (Episodji 1, 2, 7 u 10) | https://youtu.be/47vUHB9Ufi8?si=FnFjVOF9-DbT9i6a |
| 4. Iġbru, Erfgħu (Episodju 2) | https://youtu.be/PDXbvPUW-1I?si=siLm_TGcxT4CgNLH |
| 5. Il-Klassi (Episodju 2) | https://youtu.be/l84dgtf7OII?si=t2tOg6S9_gJ_XLFl |
| 6. Il-Kuluri tal-Qawsalla (Episodju 3) | https://youtu.be/8mAneIVEKmw?si=b_DDpxIMSKYi3cTi |
| 7. Nitbissmu Tbissima (Episodju 4) | https://youtu.be/wsLdZf9Aocc?si=8eBLdcm0waFhu3Oj |
| 8. Il-Frott u l-Ħaxix (Episodju 5) | https://youtu.be/I9yq06Gk8Mk?si=Z3N0O7oC5MNgC40M |
| 9. Aħsel Idejk 1 (Episodju 6) | https://youtu.be/r-VWqxtLpPk?si=navAoHd66a-WkYQU |
| 10. Aħsel Idejk 2 (Episodju 6) | https://youtu.be/m37TcbN9vaU?si=dAZkVA4EqOMrB_hg |
| 11. L-Istaġuni (Episodju 7) | https://youtu.be/aBVD6vwdC2o?si=TQpYOx4nnqQg0lXP |
| 12. Is-Sensi (Episodju 8) | https://youtu.be/ylsjYdZYl7U?si=9OvDcnzRsHQpgTGg |
| 13. Dur! (Episodju 8) | https://youtu.be/p3-ks8onuMw?si=vpRM_eQWbYj9XGNy |
| 14. Pizzi Pizzi Kanna (Episodju 9) | https://youtu.be/ZeCQVCaGXwo?si=Z5i7lb0OJ2UCtJLz |
| 15. Nilagħbu l-Passju (Episodju 9) | https://youtu.be/N2t7nhkYQA0?si=I3tTbqne0GlWS0Zw |
| 16. Ejja ħa Nilbsu (Episodju 10) | https://youtu.be/7YZ71LLmTCI?si=_GBzhq2K-yaCUBEM |
| 17. It-Tibdila tas-Sajjieda (Episodju 10) | https://youtu.be/U3bFINPcyOY?si=1SF-gxjTV7NluFJF |

# Nagħmlu Ċirku
## Episodji 1-10

Nagħmlu ċirku, nagħmlu ċirku.
Kbir jew żgħir?
Kbir jew żgħir?
Morru ħdejn ħabib jew
morru ħdejn ħabiba.
Isa, malajr!
Isa, malajr!

# Poġġu Bilqiegħda

## Episodju 1

Ħarsu lil hemm,
ħarsu lil hawn,
poġġu bilqiegħda
ħa nikkonċentraw.

Daharna mas-siġġu,
saqajna mal-art,
kulħadd bilqiegħda,
inkella nibdew tard.

# Pingwin

## Episodji 1,2,7,10

Pingwin! Pingwin!
Nagħmlu bħal pingwin.
Ejjew niffurmaw linja,
għax issa sar il-ħin!

Għal xiex sar il-ħin?



# Iġbru, Erfgħu

## Episodju 2

Iġbru, erfgħu
l-annimali kollha.
Iġbru, erfgħu,
dinosawri kullimkien.

Iġbru, erfgħu l-karozzi kollha.
Iġbru, erfgħu,
ġugarelli kullimkien.

Ġugarelli 'l hemm, ġugarelli 'l hawn,
kollox f'postu ħa naraw.

Iġbru, erfgħu dawk il-blokki kollha.
Iġbru, erfgħu dawk il-pupi sbieħ.

Iġbru, erfgħu,
kważi kollox f'postu.
Iġbru, erfgħu
lura għal fejn kien.

# Il-Klassi

## Episodju 2

F'din il-klassi,
hawn is-sbuħija,
mimlija tfal, ġugarelli u maġija.

Importanti li nżommuha nadifa,
tul ir-rebbiegħa, ix-xitwa u l-ħarifa.

Kuluri differenti ma' kull ħajt,
l-isbaħ stampi li stajt qatt rajt.

Ħsejjes u attivitajiet ta' kull tip,
xi ħaġa x'titgħallem żgur issib.

Importanti li nħobbu l-klassi,
kemm fil-maltemp u kemm fil-bnazzi!

# Il-Kuluri tal-Qawsalla

(Skont Di u Do!)

## Episodju 3

Il-kuluri tal-qawsalla huma sbieħ! (x2)

Għandek **l-aħmar**, u **l-vjola** u **l-isfar** u **r-roża**,
il-kuluri tal-qawsalla huma sbieħ!

Nibdew bl-**aħmar**, il-kulur tal-peprin,
imbagħad **oranġjo** tal-karrotti tant tajbin.
**Isfar** bħas-suf tal-fellus,
is-serp **aħdar** tant kurjuż,
il-kuluri tal-qawsalla huma sbieħ!

L-għasfur żgħir itir fis-sema kbir u **blu**,
il-prinċipessa f'libsa **roża** ddur u ddur.
L-għeneb **vjola** jikber kbir
fuq zokk **kannella** veru twil,
il-kuluri tal-qawsalla huma sbieħ!

# Nitbissmu Tbissima

## Episodju 4

Meta tħossok nervuża,
trid tagħmel hekk:

Trid tieħu nifs 'il ġewwa,
tonfoħ kollox 'il barra,
titbissem tbissima kbira
u tidħol fil-klassi tagħna.



Ngħidu Kelma ma' Di u Do

# Il-Frott u l-Ħaxix

## Episodju 5

Il-frott u l-ħaxix huwa tajjeb u bnin, tajjeb u bnin,
tajjeb u bnin.

Hemm il-frawli, il-banana, il-kiwi u t-tuffieħ,
il-karrotti, it-tadam, il-patata u l-brunġiel.

Ħafna kuluri fuq platt ta' ikel frisk,
importanti nvarjawh u nikluh ta' spiss.

Il-ħobż u l-għaġin importanti li nikluhom,
biex ikollna l-enerġija,
ħa nilagħbu ftit kuljum.

Ftit tiġieġ u ftit laħam
jgħin 'il-muskoli biex jikbru,
biċċa ġobon darba fill, kif ukoll xi ftit ġuġù!

Ħafna kuluri fuq platt ta' ikel frisk,
importanti nvarjawh u nikluh ta' spiss.

# Aħsel Idejk

## Episodju 6

Aħsel idejk, aħsel idejk,
qabel ma tiekol trid taħsel idejk.

Xammar il-kmiem tal-lemin u tax-xellug,
xarrab idejk u issa aqbad is-sapun.

Aħsel idejk, aħsel idejk,
qabel ma tiekol trid taħsel idejk.

Laħlaħ idejk ħalli nnaddfu dak il-ħmieġ,
biex inneħħu l-mikrobi, dan huwa meħtieġ.

Aħsel idejk, aħsel idejk,
qabel ma tiekol trid taħsel idejk.

Il-polz u d-dwiefer importanti ma ninsewx
għax il-mikrobi ssibhom f'kantunieri jistaħbew.

Aħsel idejk, aħsel idejk,
qabel ma tiekol trid taħsel idejk.

# Aħsel Idejk II

## Episodju 6

Aħsel idejk, aħsel idejk,
wara li tilgħab trid taħsel idejk.

Uża ftit ilma, uża s-sapun,
ogħrok idejk u nadif tazza tkun.

Aħsel idejk, aħsel idejk,
wara li tilgħab trid taħsel idejk.

# L-Istaġuni

## Episodju 7

Fil-ħarifa naqraw il-kotba
u niġbru ftit weraq ukoll.
Fil-ħarifa nagħmlu xi kejk
u nieklu sakemm nimtlew!

U mbagħad tasal ix-xitwa
fejn inħossu ħafna bard.
Nagħmlu xi tazza te jew kokotina
u nilagħbu logħba d-dar.

U mbagħad fir-rebbiegħa toħroġ ix-xemx,
u allura nirkbu r-rota,
u forsi nagħmlu xi piknik żgħir,
u nqattgħu aktar ħin qalb in-natura.

U mbagħad l-arja tisħon u tisħon,
u fl-aħħar wasal is-sajf.
Naqbeż qabża fil-baħar blu,
u niekol l-isbaħ ġelat li qatt stajt rajt.

# Is-Sensi

## Episodju 8





Induq bi lsieni,
u nara b'għajnejja,
inxomm bi mnieħri
u nisma' b'widnejja.



Dawn huma s-sensi,
li jgħinuna ftit kuljum,
biex nifhmu d-dinja tagħna
u niskopru dak li jkun.



# Dur!

## Episodju 8

L-ispalla tal-lemin,
l-ispalla tax-xellug,
dawn huma ż-żewġ naħat li jgħidulek fejn iddur.

Dur lejn il-lemin, dur lejn ix-xellug.

Tgħallem dan il-kliem,
imbagħad tkun taf fejn tmur!

# Pizzi Pizzi Kanna

## Episodju 9

Pizzi pizzi kanna,
Dolores ta' Sant'Anna;
Sant'Anna tal-morina,
ħabba biċċa pellegrina.

Mgħaref tal-fidda,
bandiera tal-ħarir.
Noli, kannoli,
Insara, qaddisin.

# Nilagħbu l-Passju

## Episodju 9

Wieħed, tnejn, tlieta,
naqbeż bħal fenka kwieta.

Erbgħa, ħamsa, sitta,
barra fil-bitħa.

Sebgħa, tmienja, disgħa,
naqbeż bla biża'.



# Ejja ħa Nilbsu

## Episodju 10



Ejja ħa nilbsu, ejja ħa nilbsu,
ejja ħa nilbsu ta' perit illum.



Ejja ħa nilbsu, ejja ħa nilbsu,
ejja ħa nilbsu ta' kok illum.



Ejja ħa nilbsu, ejja ħa nilbsu,
ejja ħa nilbsu ta' tabiba llum.

Ejja ħa nilbsu, ejja ħa nilbsu,
ejja ħa nilbsu ta' sajjied illum.



# It-Tibdila tas-Sajjieda

## Episodju 10

Sibna fil-kaxxa t-tibdila tas-sajjieda.

Dan qalziet griż, il-kulur tal-lampuka.

Issa nużaw il-kopp biex naqbdu ħafna ħut, li nsibu s-suq jew inkella fil-ħanut.

Il-kappell importanti
biex nagħrfu dak li jkun.

Il-kappell tas-sajjied
l-isbaħ parti tal-kostum.

Kunċett: The Edu-Aide International Foundation
Kitba tal-lirika: Laura Buhagiar u Nikki Demajo Albanese
Disinn: Nikki Demajo Albanese
Produzzjoni: L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu